# Qorti tal-Appell Kriminali

## Onor. Imhallef Dr. Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tal-10 ta' Dicembru, 2015

Appell Nru: 421/2014

**Il-Pulizija**

**vs**

**Mario Bondin**

Illum,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kontra l-imsemmi Mario Bondin detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 23868M talli fis-7 ta' Mejju, 2014 ghall-habta ta' 15:00hrs, f'area tas-Salib tal-Gholja, Siggiewi: 1) Kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied; 2) Ingurja u hedded bil-kliem lil Carmel Aquilina; 3) Qal kliem indicenti fil-pubbliku u 4) Bil-hsieb li jtellef jew li jnaqqas il-gieh ta' Carmel Aquilina wegghu bi kliem, gesti jew b'xi mod iehor. Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-Art. 383 tal-Kap 9;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-17 ta' Ottubru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat wara l-artikoli 339(1)(e), 338(bb) u 252(1) tal-Kodici Kriminali, sabet lil Mario Bondin mhux hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u minnha lliberatu minn kull htija u piena filwaqt li fic-cirkostanzi tal-kaz, filwaqt li sabithu hati tat-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni kontra tieghu, ikkundannatu ghall-ammenda ta' hamsin ewro (€50) ghat-tieni imputazzjoni, ammenda ta' hamsin ewro (€50) ghat-tieni imputazzjoni u multa ta' hamsin ewro (€50) ghar-raba' imputazzjoni.

Inoltre sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Carmel Aquilina u sabiex thares il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali rabtet lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' elf ewro (€1000) ghall perjodu ta' sena.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmi Mario Bondin, prezentat fir-registru ta' din l-Qorti nhar it-28 ta' Ottubru 2014 (rikors prezentat b'nota tal-istess data in sostituzzjoni tar-rikors t'appell tas-27 ta' Ottubru, 2014) , li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghogbha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' l-aggravji appellanti;

Rat l-atti kollha tal-process.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant Mario Bondin;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi mressqa jemergi illi bejn l-appellant u l-kwerelant hemm relazzjoni hazina *qua* girien ta' ghelieqi u *garage* kull wiehed fl-inhawi tas-Salib tal-Gholja, s-Siggiewi. L-kwerelant kellu jirrikorri ghall-assistenza tal-Pulzija meta l-appellant, urtat b'xi hsara li kellu fix-xatba tal-ghalqa tieghu, beda jghajjat lill-*okkupant* tal-garage tal-garr sabiex johrog filwaqt li stiednu ghall-glied. Meta l-

Pulizija ghamlu kuntatt mal-appellant biex jibqa' fuq il-post ghaliex kienu ser jitilghu ikellmuh, l-istess appellant rega beda jghajjat fid-direzzjoni tal-garage tal-kwerelant u joffendieh minghjar ma jsemmi lill-hadd b'ismu. L-kwerelant izda ma kellux dubju li kien qed jirreferi ghalih ghaliex ma hemm l-ebda *garage* iehor hemmhekk ghajr dak tal-appellant u l-kwerelant u ghalhekk, ghad li baqa' gewwa, rrrispondieh b'*xi zewg kelmiet milli naf*. Din il-Qorti semghet ukoll lill-PS 768 Brian Farrugia li tieghu kien prezentat affidavit quddiem l-Ewwel Qorti u xehed ukoll *via voce*. Minn hemm jemergu l-fatti kif rappurtati miz-zewg partijiet lis-Surgent fejn irrizulta ukoll li l-kwerelant kien halef li ser jaqla' x-xatba tal-appellant u jahraqlu l-liedna. Quddiem din il-Qorti, dan l-ufficcjal xehed illi l-appellant kien ikkonferma mieghu li kien hu li beda l-argument u li stieden lill-kwerelant ghall-glied, oltre l-aggettivi li indirizzah bihom;

Minn ezami tal-atti jemergi illi quddiem l-Ewwel Qorti kienu xehedu ukoll PC 1410 u l-appellant izda quddiem din il-Qorti PC 1410 ma tressqax mill-prosekuzzjoni u l-appellant ma offriex id-deposizzjoni tieghu bhala ghamel in prim'istanza;

Fl-ewwel aggravju tieghu, l-appellant jilmenta illi ma jirrizultax li f'xi hin kien ingurja lill-kwerelant jew heddu bi kliem u ghalhekk ma kellux jinstab hati fuq it-tieni akkuza. Quddiem din il-Qorti, izda, jirrizulta mod iehor tant illi l-aggettivi addebitati lill-kwerelant mill-appellant huma ferm ingurjuzi fil-konfront tieghu l-aktar meta jirreferu ghall-istat tieghu separat minn martu u r-ragunijiet, skond hu, ghal dak id-distakk. L-istendina ghal-glied mistqarra mas-Surgent, imbghad certament li hija theddida cara fil-konfront tal-kwerelant;

It-tieni aggravju ma jisthoqqx wisq attenzjoni ghaliex il-kliem uzat mill-appellant fil-konfront tal-kwerelant huwa manifestament indecenti u ma jista' bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni jitqies li ntqal f'lok li ma kienx pubbliku fit-termini tal-artikoli 338 (bb) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta kif ravvizat fit-tielet akkuza;

Kwantu t-tielet aggravju, din il-Qorti semghet lill-kwerelant jghid kif l-appellant indirizzah bir-ragunijiet ghaliex kienet telqitu l-mara tieghu u x'kien sar minnha llum, bl-konnottazzjonijiet ferm dispreggjanti in rigward. Semghet ukoll kif offendieh bil-qabar ta' ommu;

Ikkunsidrat inoltre, illi ezaminati dawn l-aggravji mill-ottika tal-provi akkwizti, din il-Qorti hija konvinta li l-konkluzzjoni li ghaliha waslet l-Ewwel Qorti waslet ghaliha ragjonevolment u legalment u ghalhekk ma tarax ghaliex ghandha tiddisturba dik l-istess konklujzzjoni;

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u s-sentenza appellata qed tkun konfermata fl-intier taghha b'dan illi t-terminu ta' sena mpost mill-Ewwel Qorti fuq l-appellant bhala obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' €1000 fin-nuqqas skond l-artikolu 383 tal-Kap 9, jibda jiddekorri mil-lum.